# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

**GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru, 2001**

**Avviz numru : 51/2001GT(GM)**

George Attard .

**vs**

George u Margette konjugi Mercieca .

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' LM305 rapprezentanti hlas ta' xoghol ta' njam ezegwit fuq inkariku tal-konvenuti, liema xoghol kien jikkonsisti fi kcina, wall unit, mejda tal-ikel u xoghol iehor extra inkluz skirting, zewg frames u xkaffar fil-kantuniera bil-ballavostri zghar u xkaffar iehor; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-28 t'Awwissu 2001, u l-25 ta' Gunju 2001 u l-ispejjez tal-istanti;

Ra r-risposta fis-sens illi l-attur ghandu qabel xejn jipprova kif wasal ghall-figura minnu kkwotata; kif ukoll illi l-ammont dovut huwa LM200 skond stima miftehma qabel beda x-xoghol; liema somma kienet qieghdha tigi trattenuta mill-konvenuti pendenti l-esekuzzjoni ta' xogholijiet ohra ta' tiswija li l-attur wieghed li jaghmel f'aperturi esterni li ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti .

Ikkunsidra ;

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi kien hemm zewg ftehim ta' appalt bejn il-partijiet kontendenti, l-ewwel ta' aperturi esterni u interni fid-dar taghhom u t-tieni ta' kcina . Dawn ghandhom jinzammu separati u distinti minn xulxin . Difatti, l-ewwel gie ordnat u esegwit ix-xoghol tal-aperturi, dan ix-xoghol thallas pront mill-konvenuti; imbaghad wara gie ordnat ix-xoghol tal-kcina . Il-konvenuti qeghdin jillamentaw minn somma ta' LM105 li l-attur qieghed jghid li ccargjahom zejjed fuq il-kcina; filwaqt li qeghdin jillamentaw minn xoghol allegatament esegwit mhux skond is-sengha u l-arti ghal dak li jirrigwarda l-aperturi .

Illi l-azzjoni kif redatta fl-avviz tat-talba mill-attur tirrigwarda biss it-tieni kuntratt, cioe' dak tal-kcina .

Illi l-konvenuta ammettiet illi x-xoghol tal-iskirting u zewg frames ordnatu wara l-ordni originali, filwaqt li ghar-rigward tal-ballavostri u xkaffar iehor, jirrizulta li dawn ordnathom hi, sia pure fuq suggeriment tal-attur, wara li hasset li l-gemb tal-broomcupboard m'ghogobhiex ghax skond kif qalet il-konvenuta, kien qisu tebut . Tabilhaqq, hija halliet f'idejn l-attur meta ghamlet l-ordni originali, u dan kien ghamel skizz u ghalkemm ma urihulhiex pero' qalilha x'kien fih u taha stima . Il-fatt li l-kcina m'ghogbithiex estetikament ma jfissirx li x-xoghol kif ordnat kien nieqes jew difettuz . Sta ghall-konsumatur li joqghod attent x'ikun qieghed jordna . Ghalhekk l-attur ghandu jithallas tax-xoghol zejjed illi ghamel . *Obiter,* It-Tribunal ihossu fid-dmir li jinnota illi qeghdin jersqu diversi kawzi quddiemu kawza ta' litigji bejn bejjiegha jew fornituri ta' servizzi u konsumaturi kawza ta' ekwivoci li jinqalghu bejniethom, liema ekwivoci kienu jistghu facilment jigu evitati kieku il-prodotti u/jew servizzi mibjugha gew *invoiced* b'iktar dettal u precizjoni .

Illi billi, kif gia nghad, l-appalt dwar l-aperturi ma kellu x'jaqsam xejn mal-appalt dwar il-kcina, mhux ammissibbli li jinzammu mill-konvenuti xi flus rapprezentanti hlas mit-tieni appalt sakemm isiru t-tiswijiet fl-aperturi . Il-konvenuti m'ghandhom l-ebda jedd ta' *jus ritentionis* . L-anqas jistghu iserrhu fuq it-tpacija bejn il-bilanc li fadlilhom jaghtu fuq it-

tieni appalt u d-danni minnhom allegatament sofferti mill-ewwel appalt, billi biex ikun hemm tpacija, iz-zewg debiti jinhtieg li jkunu likwidu u esigwibbli (Artikolu 1197 tal-Kodici Civili) . Li setghu talvolta jaghmlu l-konvenuti, almenu quddiem dan it-Tribunal, kien li jaghmlu kontro-talba biex jigu likwidati d-danni ghax-xoghol allegatament hazin illi sar fl-ewwel appalt .

Illi anke hawn it-Tribunal sejjer jazzarda jippronunzja r-riflessjonijiet tieghu, sia pure *obiter*, dwar ix-xoghol li sar fuq il-bibien esterni . Dan sejjer jaghmlu mhux b'kapricc, imma billi fl-ewwel lok min-naha l-wahda l-attur stess hass li kellu jressaq il-provi dwarhom, minkejja li dawn ma kellhom x'jaqsmu xejn mat-talba tieghu, u min-naha l-ohra l-konvenuti sahansitra ipproducew lill-Perit AIC Joseph P Dimech bhala espert tekniku *ex parte*, u fit-tieni lok sabiex jinkoraggixxi lill-partijiet kontendenti jissetiljaw il-pendenza amikevolment: jirrizulta illi kien hemm difetti zghar f'dawn l-aperturi, kif deskritti mill-Perit Dimech . Uhud minn dawn gew minhabba li l-injam ma kienx imnixxef bizzejjed, u ghalhekk ikollu movement (*warping)* meta jigi espost ghax-xemx . L-attur, bhala mastrudaxxa professjonali, messu ha in konsiderazzjoni li dawn l-aperturi kienu ghal barra, u ghalhekk hasbilhom u ghamilhom idonei biex jigu esposti ghall-elementi, fosthom ix-xemx . Difett iehor huwa fiz-zebgha, kif jammetti l-attur innifsu . Ghaz-zebgha, kien responsabbli biss l-istess attur . Il-konvenuta sempliciment ghazlet il-kulur .

Illi dan it-Tribunal, specjalment fl-assenza ta' kontro-talba, ma jistax inaqqas, in linea ta' danni ghal xoghol hazin fl-ewwel appalt, l-ammont mitlub mill-attur . It-Tribunal haseb fit-tul dwar dan billi huwa obbligat jiddeciedi skond il-principji tal-ekwita' . B'danakollu l-ligi tghid li jista' japplika l-ekwita' biss skond il-ligi u cioe' huwa jista' biss jissupplixxi l-ligi fejn din tkun mankanti, izda ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tieghu ghall-istess ligi .

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuti ghas-somma ta' LM305 bhala hlas ta' xoghol ta' njam maghmul mill-attur fuq

inkariku taghhom, kif dedott fl-avviz tat-talba, b'dan illi l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-28 t'Awwissu 2001, l-25 ta' Gunju 2001 u l-ispejjez tal-istanti ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenuti, b'dan illi jirrakkomanda lill-partijiet biex jiftiehmu jew li l-attur jirranga d-difetti fl-aperturi esterni inkella jirrifondi lill-konvenuti s-somma ta' LM35 sabiex jaghmlu tajjeb ghal dawn il-mankanzi .

(ft) Grazio Mercieca
Gudikant

(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S5101GT(gm)
848